## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF ONOR. MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 421/2022 MS*

**Ivan Borg, Karen Scicluna, Peter Paul Borg u Grace Borg**

**Vs.**

**(1) Rita Borg; (2) Grace Gatt; (3) Joseph Gatt; (4) Angelo Gatt; (5) Lazarus Gatt u (6) Emanuela Schembri u (7) Saviour Borg**

Illum, 26 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 6

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fl-20 ta' Mejju, 2022, li permezz tiegħu, wara li ppremettew kif ġej:

> Illi l-esponenti Ivan u Karen Scicluna aħwa Borg huma proprjetarji tal-porzjoni diviża ta' art formanti parti mill-ġnien bis-siġar tal-larinġ u tal-lumi u tal-frott irqiq li li jinsab fil-limiti tas-Siġġiewi fil-kontrada ta' Ġebel Ciantar jew tal-Fawwara denominat il-Ġnien ta' Kriepu ossia Ta' Krispu liema porzjoni divisa ta' art għandha l-kejl ta' *circa* 1756.73$m^2$ u tikkonfina mit-tramuntana u nofsinhar ma'

toroq pubbliċi bla isem u mil-lvant ma' beni ta' Madalena Gatt jew l-aventi kawża minnha;

Illi l-esponenti Peter Paul u Grace konjuġi Borg huma usufruttwarji tal-istess beni;

Illi tali porzjoni diviża ta' art kienet tifforma parti minn art ikbar u ippervjeniet għand l-istanti Peter Paul Borg u ħutu mill-wirt tal-ġenituri tagħhom Giosue u Maria konjuġi Borg;

Illi b'kuntratt ta' diviżjoni fl-Atti tan-Nutar Antoine Agius tat-23 ta' Novembru 1993 (Dok. A), l-imsemmija art ġiet diviża bejn l-aħwa b'mod li lill-eponenti Peter Paul Borg messitu r-Raba' Porzjoni;

Illi b'kuntratt ta' donazzjoni fl-Atti tan-Nutar Mary Camilleri Cutajar tad-9 ta' Ġunju 2021 (Dok. B), Peter Paul Borg u martu ttrasferew tali porzjoni ta' art ingħatat b'titolu gratuwitu lil uliedhom l-esponenti Ivan u Karen Scicluna aħwa Borg, b'riżerva tal-użufrutt a favur tal-istess donaturi;

Illi fuq il-porzjoni diviża ta' art illum proprjeta tal-esponenti, hemm spiera li ilha snin twal li tħaffret kif ukoll remissa li kwindi mad-diviżjoni tali beni saru wkoll proprjetà tal-istanti;

Illi fir-remissa appena imsemmija, wieħed mill-kondividendi ossia Joseph Gatt li jiġi iben Lazzaro u Maddalena Gatt (il-mejta Maddalena Gatt tiġi oħt l-istanti Peter Paul Borg) kellu *meter* tal-elettriku u fl-aħħar żmien l-esponenti talbuh ineħħih minn ġewwa ħwejjiġhom. Fl-istess żmien, l-esponenti talbu lill-konvenuti sabiex ma jibqgħux jieħdu ilma mill-ispiera iżda dawn bdew jippretendu jeddijiet fuq l-istess beni li attwalment jinsabu fil-proprjeta tal-esponenti;

Illi minn riċerka li għamlu l-esponenti mal-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi irriżulta li fl-1997 Maddalena Gatt kienet irreġistrat tali spiera mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (Dok. C), liema reġistrazzjoni llum taqa' fil-mansjoni tal-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi. Quddiem tali informazzjoni, l-esponenti talbu lill-konvenuti jew min minnhom biex jieqfu jtellgħu l-ilma mill-istess spiera u jneħħu l-pompa li kienu jużaw għal tali skop;

Illi nhar il-11 Awissu 2021 (Dok. D) l-esponenti Ivan Borg irċieva notifika mill-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi fejn ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu u ta' oħtu l-esponenti Karen Scicluna sabiex jiġu reġistrati bħala utenti tal-istess

spiera ġiet milqugħa. Madankollu minnufih wara bdew ġejjin notifiki li persuni oħra kienu wkoll marru jirreġistraw bħala utenti tal-istess spiera;

Illi għalhekk b'ittra uffiċċjali tat-8 ta' Novembru 2021 (Dok. E), l-esponenti interpellaw lill-intimati Rita Borg, Grace Gatt, Joseph Gatt, Angelo Gatt u Lazarus Gatt sabiex entro ġimgħa min-notifika ineħħu kwalsiasi pompa u kull apparat anċillari li huma għandhom fi proprjeta tal-mittenti u li qed jużaw sabiex ittellgħu ilma minn spiera li tinsab fil-beni tal-mittenti;

Illi għal din l-ittra wieġbu l-imsemmija persuni permezz ta' ittra uffiċċjali oħra numru 4994/21 nhar it-23 ta' Novembru 2021 (Dok. F) fejn qalu li tali użu jsir bil-permess tal-esponenti jew l-antekawża tagħhom u għamlu wkoll riferenza għall-istess reġistrazzjoni mal-Awtorità kompetenti. B'ittra uffiċċjali oħra tal-istess ġurnata numru 4998/21 (Dok. G) il-konvenuti Emanuela Schembri u Saviour Borg għamlu millantazzjonijiet simili fil-konfront tal-esponenti;

Illi billi l-intimati qed jippretendu jeddijiet li mgħandhomx, l-esponenti kienu kostretti jipproċedu b'din il-kawża.

Illi r-raġuni ta' din it-talba hija li l-esponenti jeżiġu li l-konvenuti mgħandhom ebda jedd li jtellgħu ilma mill-ispiera proprjetà tal-esponenti u billi l-intimati qed jippretendu jeddijiet li mgħandhomx, l-esponenti kienu kostretti jipproċedu b'din il-kawża.

għaddew biex jitolbu lil din il-qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-ispiera li tinsab fil-porzjoni diviża ta' art formanti parti mill-ġnien bis-siġar tal-larinġ u tal-lumi u tal-frott irqiq li li jinsab fil-limiti tas-Siġġiewi fil-kontrada ta' Ġebel Ciantar jew tal-Fawwara denominat il-Ġnien ta' Kriepu ossia Ta' Krispu liema porzjoni divisa ta' art għandha l-kejl ta' *circa* 1756.73m$^2$ u tikkonfina mit-tramuntana u nofsinhar ma' toroq pubbliċi bla isem u mil-lvant ma' beni ta' Madalena Gatt jew l-aventi kawża minnha, l-esponenti Ivan u Karen Scicluna aħwa Borg huma proprjetarji liema spiera hija reġistrata mal-Awtorità Maltija dwar ir-Riżorsi bin-numru 320/97 li hija proprjetà tal-esponenti Ivan u Karen Scicluna aħwa Borg kif soġġetta għall-usufrutt a favur l-esponenti Peter Paul u Grace konjuġi Borg huma usufruttwarji tal-istess beni;

2. Tiddikjara li l-konvenuti mgħandhom ebda dritt li jużaw l-istess spiera jew li jtellgħu ilma mill-istess;

3. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ineħħu kwalsiasi apparat li għandhom mal-istess spiera entro terminu qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss;

4. Tawtorizza lill-esponenti sabiex fin-nuqqas ineħħu huma kwalsiasi apparat li l-konvenuti jew min minnhom għandhom mal-istess spiera taħt il-ħarsien ta' periti nominandi a spejjeż tal-konvenuti.

   Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti inkluż tal-ittra uffiċjali 4788/2021 minn issa inġunti in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti fil-5 ta' Lulju 2022[1], li permezz tagħha huma eċċepew:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fil-konfront tal-esponenti għandhom jiġu respinti fit-totalita` tagħhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża u senjatament minħabba s-segwenti raġunijiet;

a. Illi filwaqt li huwa minnu li b'kuntratt ta' immissjoni fil-pussess u diviżjoni fl-atti tan-Nutar Antoine Agius ta' nhar it-23 ta' Novembru 1993, l-art mertu tal-kawża ġiet diviża bejn l-aħwa, ir-rikorrenti, fir-rikors ġuramentat tagħhom jonqsu milli jgħidu illi immedjatament wara l-iffirmar ta' dan l-att kien sar ftehim bejn l-aħwa Borg sabiex l-esponenti jibqgħu jużaw l-ispiera msemmija sabiex itellgħu l-ilma mill-istess għall-użu fil-parti diviża tal-esponenti, diment illi dana jkun l-uniku użu għall-ilma fl-ispiera in kwistjoni;

b. Illi l-aħwa Borg saħansitra kienu qablu illi kull sid ta' parti diviża minn din l-art għandu jedd itella l-ilma mill-ispiera fil-ġurnata assenjata lilu skont il-ftehim ta' bejniethom, u dan il-ftehim ilu jiġu mħaddem u rispettat għal 'il fuq minn għoxrin sena;

c. Illi fil-fatt, is-sistemi għat-tlugħ tal-ilma da parte tal-esponenti jew min minnhom saru kollha bil-kunsens tar-rikorrent Peter Paul Borg;

[1] Ara folio 27.

d. Illi tant kemm hu hekk, illi wara li saret l-imsemmija diviżjoni, l-ispiera in kwistjoni kienet ġiet irreġistrata mal-Awtorita` kompetenti mill-aħwa Borg (illi kienu komparenti fuq l-att ta' diviżjoni) b'mod konġunt, li lkoll ġew reġistrati bħala utenti tal-ispiera;

e. Illi l-esponenti ilhom jużaw din l-ispiera abbażi ta' dan il-ftehim illi għandhom mal-intimati, liema ftehim ilu jiġi rrispettat għal bosta snin u qatt ma ġie mhedded, salv riċentament;

2. Illi minħabba l-aġir tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, l-esponenti huma kostretti illi jipproċedu ġudizzjarjament, u qegħdin jipprevalixxu ruħhom mir-rikors tar-rikorrenti sabiex jippreżentaw il-kontro-talba tagħhom kontestwalment ma dina r-risposta ġuramentata;

3. Illi in oltre, jiġi rilevat illi mhuwiex minnu illi l-esponenti qegħdin jippretendu jeddijiet illi m'għandhomx, stante illi huwa stabbilit skont il-ġurisprudenza nostrana illi fejn hemm ftehim kunsenswali bejn gabilotti sabiex jirregola s-servizzi tar-raba' għal dak li jeħtieġ, fosthom ftehim dwar l-allokazzjoni tal-ilma minn xi spiera u/jew servizzi simili, huwa validu u liema validita` ma teħtieġx l-iskrittura;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn imsemmija u hekk kif ser jiġi elaborat matul is-smigħ tal-proċeduri odjerni, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fit-totalita` tagħhom minn dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi provvedimenti illi jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi.

3. Rat li flimkien mar-risposta ġuramentata tagħhom, il-konvenuti ressqu wkoll rikonvenzjoni[2] li permezz tagħha, wara li ppremettew dan li ġej:

Illi skont it-testment tat-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) magħmul fl-atti tan-Nutar Nikola Said, Giosue' u Maria konjugi Borg ħallew b'titolu ta' prelegat lil uliedhom l-intimata rikonvenzjonanta Elena sive Emanuela Schembri (K.I. 55643M) mart Giuseppe Schembri, Carmelo Borg (K.I. 546028M), Nicolina mart Emmanuele Zammit (K.I. 503431M), Maddalena mart l-intimat rikonvenzjonant

[2] Ara folio 30.

Lazzaro Gatt (K.I. 0253837M), ir-rikorrent rikonvenzjonat Peter Paul Borg (K.I. 138645M) u l-intimat rikonvenzjonant Salvatore Borg (K.I. 762347M) il-fond ossia l-art agrikola konsistenti f'erba' (4) ħbula u f'Ciantra Żgħira tal-kejl ta' ċirka tnax -il elf, tlett mija u tnejn u tmenin metri kwadri (12,382 m.k.) li qiegħed fil-limiti tas-Siġġiewi fil-kontrada ta' Ġebel Ciantar jew tal-Fawwari denominat "Il-Ġnien ta' Kriepu" li jmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika bla isem, min-Nofsinhar ma' triq oħra pubblika bla isem u mil-Lvant ma' beni tal-Gvern ta' Malta;

Illi fis-sbatax (17) ta' Jannar elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) u fl-erbatax (14) ta' Diċembru elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991) mietu rispettivament Maria mart Giosue' Borg u Giosue' Borg;

Illi sussegwentement nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993) saret immissjoni fil-pussess tal-legat u diviżjoni fl-atti tan-Nutar Dr Antoine Agius, u permezz tal-iskrittura tal-immissjoni fil-pussess surreferita, ir-rikorrent rikonvenzjonat Peter Paul Borg f'isem ħutu Daniel, Maria Lourdes mart Paul Borg u John Mary immittew fil-pussess tal-prelegat tal-imsemmi fond lil Carmelo, Nicola mart Emmanuele Zammit, Elena sive Emmanuela mart Giuseppe Schembri, Maddalena mart Lazzaro Gatt, Salvatore u Peter Paul aħwa Borg ulied il-mejtin Giosue' u Maria nee Bonello, u dana skont l-ewwel artikolu tat-testment ippubblikat min-Nutar Nikola Said fit-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) (kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bħala **Dok. BR1**);

Illi inoltre`, fl-istess att Carmelo, Nicolina, Elena sive Emmanuela, Maddalena, Salvatore u Peter Paul aħwa Borg iddikjaraw illi ma jridux jibqgħu jipposjedu in komuni u indivisament dan il-fond u għalhekk ftiehmu illi jaqsmu l-imsemmi fond f'sitt (6) porzjonijiet u dana skont il-pjan ta' diviżjoni maqbul fl-istess skrittura;

Illi l-ewwel porzjoni, senjatament porzjoni diviża mill-istess fond li għandha kejl ta' ċirka elf, seba' mija u sitta u ħamsin metri kwadri (1756 m.k.) u li tmiss mit-Tramuntana u Nofsinhar ma' toroq pubbliċi bla isem u mil-Lvant ma' beni msemmija fit-tieni porzjoni tappartjeni lill-intimata rikonvenzjonanta Elena sive Emanuela Schembri;

Illi t-tieni porzjoni, senjatament porzjoni diviża mill-istess fond li għandha kejl ta' ċirka elf, seba' mija u sitta u ħamsin metri kwadri (1756 m.k.) u li tmiss mit-Tramuntana u Nofsinhar ma' toroq pubbliċi bla isem u mil-Lvant ma' beni

msemmija fit-tielet porzjoni tappartjeni lill-intimat rikonvenzjonant Salvatore Borg;

Illi l-ħames porzjoni, senjatament porzjoni diviża mill-istess fond li għandha kejl ta' elf, seba' mija u sebgħa u ħamsin metri kwadri (1757 m.k.) u li tmiss mit-Tramuntana u Nofsinhar ma' toroq pubbliċi bla isem u mil-Lvant ma' beni msemmija fis-sitt porzjoni tappartjeni lil Maddalena Gatt;

Illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) mietet Maddalena Gatt, mart l-intimat rikonvenzjonant Lazarus Gatt, bint il-mejtin Giosue' Borg u Maria nee Bonello. Illi skont id-dikjarazzjoni *causa mortis* magħmula fl-atti tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna datata tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) (kopja ta' liema tinsab hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. BR2**), is-suċċessjoni tal-imsemmija Maddalena Gatt hija regolata permezz ta' żewġ testmenti, wieħed fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said tat-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u erbgħa u sittin (1964) u ieħor fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said tal-erbatax (14) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997);

Illi skont l-imsemmija testmenti, l-imsemmija Maddalena Gatt ħalliet b'titolu ta' legat l-użufrutt ta' ġidha a favur żewġha r-rikonvezjonant Lazzarus Gatt u nnominat u istitwiet b'eredi universali proprjetarji assoluti tagħha lil uliedha kollha, senjatament l-intimat rikonvenzjonanti Grazia mart Anthony Gatt, Rita mart Joseph Borg, Giuseppe u Angelo aħwa Gatt, f'sehem indaqs bejniethom, bid-dritt tal-akkrexximent u bis-sostituzzjoni tar-rispettivi uliedhom;

Illi min-naħa l-oħra, r-rikorrent rikonvenzjonat Peter Paul Borg huwa sid tar-raba' porzjoni mill-istess fond, ossia porzjoni diviża ta' ċirka elf, seba' mija u sitta u ħamsin metri kwadri (1756 m.k.), liema porzjoni tmiss mit-Tramuntana u Nofsinhar ma' toroq pubbliċi bla isem mil-Lvant ma' beni msemmija fil-ħames porzjoni, msejħa "it-Tarġa l-Ħamra" fil-kontrada tal-Fawwara, fil-limiti tas-Siġġiewi. F'din il-porzjon tal--għalqa hemm spiera;

Illi filwaqt li fl-att ta' diviżjoni ma ssemmietx din l-ispiera, wara l-iffirmar ta' dan l-att kien sar ftehim bejn l-aħwa Borg sabiex l-esponenti jibqgħu jużaw l-ispiera msemmija fil-parti tal-art diviża tar-rikorrenti rikonvenzjonati sabiex itellgħu l-ilma mill-istess għall-użu fil-parti diviża tal-esponenti, diment illi dana jkun l-uniku użu għall-ilma fl-ispiera;

Illi fil-fatt kienu saru s-sistemi għat-tlugħ tal-ilma kollha bil-kunsens tal-istess rikorrenti rikonvenzjonati jew l-ante-kawża tagħhom;

Illi tant hu hekk illi wara li saret l-imsemmija diviżjoni, l-ispiera in kwistjoni kienet ġiet irreġistrata mal-Awtorita` kompetenti mill-aħwa Borg b'mod konġunt li lkoll ġew reġistrati bħala utenti tal-ispiera;

Illi madanakollu, matul is-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), ir-rikorrent rikonvenzjonati jew min minnhom, arbitrarjament u abbużivament neħħew lill-esponenti minn utenti, u żiedu lir-rikorrenti rikonvenzjonati Ivan Borg u Karen Scicluna bħala utenti rreġistrati mal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi. Għaldaqstant l-esponenti applikaw mill-ġdid mal-istess Awtorita`, iżda f'Novembru tal-istess sena ġew infurmati illi din l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa stante illi kien hemm oġġezzjoni mir-rikorrenti rikonvenzjonati għar-reġistrazzjoni tal-ispiera f'isem l-esponenti - u dan nonostante l-ftehim verbali li hemm bejn il-partijiet;

Illi kif ġja` ġie rilevat, l-esponenti ilhom jużaw din l-ispiera abbażi tal-ftehim verbali illi għandhom mar-rikorrenti rikonvenzjonati, u liema ftehim ilu jiġi rrispettat għal bosta snin u qatt ma ġie mhedded, salv riċentament;

Illi huwa stabbilit mill-ġurisprudenza nostrana illi fejn hemm ftehim kunsenswali bejn il-partijiet, tiġi loġika l-konsegwenza li l-Qorti m'għandhiex faċilment tvarja tali ftehim, ammenokke` ma jirrikorrux xi raġunijiet suffiċjentement serji li jiskwotu l-bażi ta' dak l-arranġament – xi ħaġa illi fil-każ odjern ċertament ma tirriżultax. Mhux talli hekk, iżda din l-ispiera għadha meħtieġa peress illi ma hemm l-ebda sors ieħor ta' ilma għat-tisqija tal-uċuħ tar-raba' in kwistjoni tal-esponenti;

Illi apparti minn hekk l-intimati rikonvenzjonanti lkoll jaħdmu din l-art. Illi kif inhu risaput universalment u komunement fis-sistema ġuridika tagħna, ftehim li jsir bejn gabilotti sabiex jirregola s-servizz ta' dan ir-raba' għal dak li jeħtieġ, fosthom dwar l-allokazzjoni tal-ilma minn xi spiera u servizzi simili huwa validu, liema validita` ma teħtieġx l-iskrittura;

Illi permezz ta' ittra uffiċjali datata tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (4788/2021), ir-rikorrenti rikonvenzjonati interpellaw uħud mill-esponenti sabiex ineħħu kwalsiasi pompa u kull

apparat anċillari li l-esponenti għandhom fil-proprjeta` tar-rikorrenti rikonvenzjonati u li qed jużaw sabiex jittella' l-ilma mill-ispiera in kwistjoni;

Illi permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) bin-numri ta' referenza 4994/2021 u 4998/2021, l-esponenti irrispinġew bis-saħħa kollha l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti rikonvenzjonati bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u tennew illi għandhom jedd jużaw l-ispiera in kwistjoni fid-dawl tal-ftehim bejn l-aħwa Borg;

Illi sussegwentement, l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi avżat lill-esponenti illi l-applikazzjoni in kwistjoni ġiet sospiża peress illi din l-Awtorita` ġiet infurmata illi kienu ser jiġu intavolati proċeduri legali fir-rigward tal-ispiera, u għaldaqstant din ir-reġistrazzjoni hija preżentement sospiża pendenti l-konklużjoni tal-proċeduri odjerni (kopja ta' dan l-avviż qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. BR3**);

Illi għalhekk l-intimati rikonvenzjonanti ma fadallahomx għażla oħra ħlief illi jipproċedu b'din il-kontro-talba.

talbu lil din il-qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, jogħġobha:

i. Tiddikjara illi l-intimati rikonvenzjonanti għandhom jedd jibqgħu jgawdu minn dritt ta' użu u tlugħ ta' ilma mill-ispiera li tinsab fil-fond tar-rikonvenzjonati, ossia fl-għalqa msejħa "it-Tarġa l-Ħamra" fil-kontrada tal-Fawwara, fil-limiti tas-Siġġiewi, u dana sabiex jużaw l-istess ilma fil-parti diviża tar-raba' tal-esponenti skont il-ftehim ta' bejn il-partijiet;

ii. Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonati sabiex jirreġistraw lir-rikonvenzjonanti u/jew jagħtu l-kunsens tagħhom għar-reġistrazzjoni tar-rikonvenzjonanti bħala utenti tal-ispiera in kwistjoni mal-Awtorita` Maltija għar-Riżorsi u/jew l-awtorita` kompetenti u fin-nuqqas tawtorizza lill-esponenti sabiex jgħaddu biex jirreġistraw isimhom mal-awtorita` kompetenti;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti rikonvenzjonati li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

4. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-atturi fil-25 ta' Lulju, 2022, li permezz tagħha dawn laqgħu għar-rikonvenzjoni tal-konvenuti billi eċċepew:

   1. Illi l-konvenuti rikonvenzjonanti ma jgawdu ebda jedd ta' servitù fir-rigward tal-ispiera proprjetà tal-esponenti u kwindi t-talbiet rikonvenzjonali għandhom jiġu miċħuda;

   2. Illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni konfessorja in linea ta' kontro-talba għal azzjoni negatorja hija inutli u ntiża biss li ttawwal il-proċeduri u kwindi l-konvenuti rikonvenzjonanti għandhom, oltre li jbatu l-ispejjeż, jiġu ordnati jħallsu penali lir-Reġistratur f'ammont ta' mhux anqas minn €500 u mhux iżjed minn €3,000 fit-termini ta' Partita 10 ta' Tariffa A;

   3. Illi fi kwalunkwe każ l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda;

   Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

5. Rat ix-xiehda miġbura u d-dokumenti eżebiti, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-kontendenti;

7. Semgħet it-trattazzjoni finali magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

8. Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għall-prolazzjoni tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

9. Illi l-atturi Ivan Borg u Karen Scicluna jgħidu li huma s-sidien ta' biċċa art li tinsab fil-limiti tas-Siġġiewi, fil-kontrada ta' Ġebel Ciantar jew tal-Fawwara, denominata l-Ġnien ta' Kriepu jew Ta' Krispu, u li għandha kejl ta' madwar elf seba' mija u sitta u ħamsin punt tlieta u sebgħin metri kwadri (1,756.73 m.k.). L-atturi l-oħrajn jgħidu li huma l-użufruttwarji tal-istess art (għalkemm eżami tal-kuntratti relattivi juru li dawn m'għandhomx dritt t'użufrutt imma dritt t'użu fuq l-istess proprjetà – ara folio 12).

10. Illi rriżulta li din l-art kienet tifforma parti minn territorju akbar, li kien ġie maqsum b'kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Antoine Agius tat-23 ta' Novembru 1993[3]. Il-porzjoni fuq imsemmija kienet ġiet assenjata lill-attur Peter Paul Borg, li żmien wara flimkien ma' martu l-attriċi Grace Borg, b'kuntratt ta' donazzjoni riċevut min-Nutar Mary Camilleri Cutajar fid-9 ta' Ġunju 2021[4], ittrasferixxa l-istess porzjon t'art lill-uliedu l-atturi Ivan Borg u Karen Scicluna, b'dan li rriżerva d-dritt ta' użu fuq l-istess art favur tiegħu kif ukoll favur martu l-attriċi Grace Borg.

11. Illi fuq l-art li messet lill-attur Peter Paul Borg jirriżulta li hemm spiera li ilha teżisti kif ukoll remissa. F'din ir-remissa, kien hemm kontatur tal-elettriku f'isem Joseph Gatt (li hu iben oħt l-attur Peter Paul Borg, u kwindi kuġin tal-atturi Ivan Borg u Karen Scicluna). L-atturi jgħidu li fl-aħħar żmien qabel il-kawża, huma talbu lil Joseph Gatt jieħu ħsieb ineħħi dan il-kontatur minn hemm, kif ukoll sabiex ma jibqax jieħu ilma mill-ispiera[5], iżda minflok Gatt u l-konvenuti l-oħra bdew ivantaw jeddijiet fir-rigward tal-ispiera u tar-remissa li jinsabu fil-proprjetà assenjata lil Peter Paul Borg fil-qasma fuq imsemmija. Għalkemm il-kontatur tneħħa[6], jonqos li titneħħa l-pompa li tintuża għall-estrazzjoni tal-ilma mill-ispiera. Proprju għalhekk l-atturi ressqu din il-kawża sabiex essenzjalment il-qorti ssib li l-konvenuti m'għandhom ebda jedd li jużaw din l-ispiera, li tappartjeni lilhom biss, u li l-konvenuti għandhom konsegwentement jiġu ordnati li jneħħu kull apparat li għandhom mal-istess spiera fiż-żmien li jiġu mpost fuqhom minn din il-qorti.

12. Illi l-konvenuti Rita Borg, Grace Gatt, Angelo Gatt u Joseph Gatt huma wlied u eredi ta' Maddalena Gatt, li tiġi oħt l-attur Peter Paul Borg, filwaqt li Lazzarus Gatt huwa l-armel tagħha u l-użufruttwarju fuq l-eredità tagħha[7]. Maddalena Gatt kienet ġiet assenjata l-ħames porzjon mill-art in kwistjoni. Il-konvenuti l-oħrajn, ċjoè Emanuela Schembri u Saviour Borg, huma wkoll ħut l-attur Peter Paul Borg, u kienu ġew assenjati l-ewwel u t-tieni porzjonijiet mill-art li nqasmet bil-kuntratt tat-23 ta' Novembru 1993. Il-konvenuti jsostnu li, għad li fil-kuntratt ta' diviżjoni ma ngħad xejn dwar l-ispiera mertu tal-kawża, minnufih wara l-pubblikazzjoni kien sar ftehim bejn l-aħwa sabiex

---

[3] Kopja eżebita a folio 6.
[4] Kopja eżebita a folio 10.
[5] Ara l-affidavit tal-attur Ivan Borg, a folio 84.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Ivan Borg, a folio 85.
[7] Ara d-dikjarazzjoni *causa mortis* riċevuta min-Nutar Anne-Marie Tonna fit-28 ta' Mejju 2012, a folio 51.

ilkoll kemm huma jużaw mill-ilma tagħha bejniethom. Il-konvenuta Emanuela Schembri sostniet li dan il-ftehim sar b'mod verbali, u permezz tiegħu, hija setgħet tieħu l-ilma mill-ispiera kull nhar ta' Ħadd[8], filwaqt li l-konvenut Saviour Borg jgħid li l-jum tiegħu kien nhar ta' Tnejn[9].

13. Illi dan huwa miċħud mill-attur Peter Paul Borg fl-affidavit tiegħu, li jsostni li l-użu li sar mill-konvenuti tal-ispiera in kwistjoni sar biss bi pjaċir u b'tolleranza min-naħa tiegħu[10]. L-attur Peter Paul Borg jgħid li għalkemm il-konvenuti ħutu Emanuela Schembri u Saviour Borg kienu jieħdu ftit bramel t'ilma mill-ispiera, oħtu Maddalena u wliedha kienu għamlu pompa tal-ilma, u kienu jimlew pixxina bl-ilma mill-ispiera bil-konsegwenza li jħalluha xotta u ma kienx ikun hemm biex issaqqi fis-sajf. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, l-attur Peter Paul Borg, mistoqsi kif ħutu kienu jużaw mill-ispiera għaż-żmien kollu wara l-qasma, wieġeb: «*Għax kont inħallihom jiena hux. L-ispiera qegħda ġo tiegħi, din il-biċċa meta qsamna ġo tiegħi qegħda l-ispiera jiġifieri l-ispiera tiegħi, la qegħda ġo tiegħi, tiegħi sewwa u kont inħallihom jimlew naqra ilma biex isaqqu s-siġar*»[11]. Aktar 'l quddiem, «*Jiena kienu qaluli biex jimlew naqra jiġifieri u għidtilhom iva. Diment li lili jħalluli l-ilma tajjeb inħallihom jimlew ftit*»[12]. Waqt l-istess kontro-eżami, Peter Paul Borg tenna li hu ried li tinqala' l-pompa u l-oġġetti fissi li saru fl-art tiegħu. Sostna li jekk xi ħadd mill-konvenuti ried jieħu l-ilma, kellu jiġi jitlob il-permess u hu jiddeċiedi jagħtix dak il-permess - «*…nara jien skont l-ilma li jkun hemm*»[13].

14. Illi mill-provi prodotti, jirriżulta li kienet saret talba mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma għar-reġistrazzjoni tal-ispiera in kwistjoni minn Maddalena Gatt, tant li din ġiet reġistrata bin-numru 320/97. Fuq l-applikazzjoni, li hi datata 2 ta' Settembru 1997, hemm indikati l-kondividenti kollha bħala l-utenti ta' din l-ispiera[14]. L-attur Peter Paul Borg però jgħid li ma kienx jaf b'din ir-reġistrazzjoni[15]. Min-naħa l-oħra l-konvenuta Emanuela Schembri u l-konvenut Saviour Borg sostnew li l-kondividendi kienu marru

---

[8] Ara folio 116.
[9] Ara folio 119.
[10] Ara folio 87.
[11] Ara folio 273.
[12] Ara folio 274.
[13] Ara folio 275.
[14] Ara l-kopja tal-applikazzjoni li tinsab a folio 17.
[15] Ara folio 88, kif ukoll ix-xiehda tiegħu in kontro-eżami a folio 272.

flimkien biex jirreġistraw din l-ispiera fl-uffiċċini tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'Ħal Luqa[16]. Il-konvenuti l-oħrajn li jiġu wlied Maddalena Gatt sostnew li ommhom kienet tgħidilhom li l-aħwa Borg kollha kienu preżenti meta saret ir-reġistrazzjoni l-ewwel darba[17].

15. L-atturi Ivan Borg u Karen Scicluna sostnew mal-Awtorità għar-Riżorsi li din l-ispiera, la tinsab fuq l-art tagħhom, kellha tkun reġistrata f'isimhom, liema talba intlaqgħet[18] u għalhekk tneħħew minn utenti l-konvenuti[19]. Peress li sussegwentement daħlu obbjezzjonijiet u talbiet għar-reġistrazzjoni mill-konvenuti, l-Awtorità msemmija ssospendiet l-ipproċessar ta' dawn l-obbjezzjonijiet u talbiet għar-reġistrazzjoni sakemm tiġi deċiża din il-kawża[20].

16. Illi l-qorti setgħet tara wkoll mill-atti li b'kuntratt tal-14 ta' Diċembru 2021, fl-atti tan-Nutar John Gambin, il-konvenuta Emanuela Schembri iddonat in-nuda proprjetà tal-art li kienet assenjata lilha fil-qasma lill-uliedha Godfrey Schembri u Mariella Abela, filwaqt li rriservat l-użufrutt favur tagħha[21].

17. Illi hekk riepilogati dawk il-fatti li l-qorti tqis rilevanti għall-każ, imiss issa li jsiru l-konsiderazzjonijiet opportuni sabiex din il-qorti tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Ikkunsidrat:

18. Illi l-kwistjoni f'din il-kawża hija jekk il-konvenuti għandhomx jedd li jieħdu l-ilma mill-ispiera li tinsab fuq l-art tal-atturi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi ssottomettew li l-azzjoni esperita minnhom hija dik negatorja.

19. Illi fit-trattat tiegħu[22], ***Laurent*** jispjega li: «*Pothier distingue due azioni concernenti le servitù, la* confessoria *e la* negatoria: *tanto i termini quanto i principi provengano dal diritto romano. L'azione* confessoria*, dice Pothier, è un'azione reale con la quale*

---

[16] Ara folio 116 u 119.
[17] Ara foll. 256, 265, 267 u 268.
[18] Ara a tergo ta' folio 145 kif ukoll folio 146.
[19] Ara a tergo ta' folio 142, kif ukoll folio 143 u 'l quddiem.
[20] Ara folio 78.
[21] Ara folio 219.
[22] Principii di Diritto Civile, Vol.VIII, §285.

*quegli a cui appartiene un diritto di servitù su qualche fondo conclude, contro colui che lo turba nell'uso di questa servitù, che il fondo sia dichiarato soggetto a questo diritto e che sia inibito al convenuto di turbarvelo. L'azione* negatoria *è altresi un'azione reale che il proprietario di un fondo promuove contro colui che vi si attribuisce senza diritto qualche servitù, e conchiude che il suo fondo sia dichiarato libero da questa servitù, e che sia inibito al convenuto di usarne*». L-istess kittieb jissokta jgħid[23], «*Nascendo le azioni da un diritto reale, non possono venir promosse che da colui il quale ha questo diritto reale, vale a dire dal proprietario del fondo cui la servitù è dovuta, o che si pretende libero da quest'onere: in entrambi i casi è il fondo ch'è in causa, ed il proprietario soltanto ha il diritto di parlare in nome del fondo*». ***Pacifici Mazzoni*** wkoll ifisser f'termini simili din l-azzjoni: «*L'azione negatoria appartiene al proprietario quando sia turbato nel godimento pacifico della cosa sua, e leso nel suo diritto ma non in modo tanto lato da doversi sperimentare la rivendicazione. Essa ha specialmente luogo quando alcuno si arroga un diritto di servitù sulla cosa altrui, ed il proprietario, di questa vuol farla dichiarare libera dalla pretesa servitù. Due adunque sono le condizioni cui è subordinato l'esercizio dell'azione negatoria; la prima che l'attore sia proprietario, la seconda che esso sia stato turbato nel godimento della cosa propria. E l'attore non è tenuto a provare altro che l'esistenza di queste due condizioni, e cioè provato che abbia il suo diritto di proprietario, e la turbativa del convenuto, non è obbligato a fornire la prova che il convenuto non aveva il diritto di compiere l'atto di turbativa, nè molto meno la non esistenza della servitù. Spetta allora al convenuto di provare il diritto che vanta; e ciò per il principio che la proprietà deve presumersi libera sempre e chi ne asserisce la limitazione deve provarla*»[24].

20. Illi l-ġurisprudenza tal-qrati lokali hija konformi ma' din id-duttrina. Ġie deċiż illi, «*L-għan waħdieni tal-actio negatoria huwa dak li jikseb dikjarazzjoni li l-ġid tal-attur mhux suġġett għal servitu' favur ġid ta' ħaddieħor, u li jitneħħa dak kollu li jxejjen l-istat ta' tgawdija ħielsa minn kull servitù. Din l-azzjoni tinbena fuq il-presuppost li l-ġid immobbli huwa ħieles. Għalhekk hija azzjoni ta' għamla petitorja u tista' titressaq biss minn min hu sid tal-post u mhux minn kull min ikun jippossedih, u dan bħala effett*

[23] Op cit, §287.
[24] Istituzioni di Diritto Civile Italiano, Vol.III, §139.

*dirett tal-fatt li l-azzjoni petitorja tirrigwarda jeddijiet reali»*[25]. Fi kliem ieħor, «*L-'actio negatoria' hija azzjoni li sid jutilizza fejn jitlob il-Qorti sabiex tinnega lill-konvenut drittijiet konsistenti f'servitù jew pisijiet oħra fuq il-propjeta' tas-sid li l-istess konvenut ikun qed jivvanta»*[26].

21. Issa kif imtenni sa riċentement mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Joseph Piscopo et vs. Noel Seguna et*** (15/11/2023):

> Din l-azzjoni tippresupponi li l-immobbli huwa ħieles. Għalhekk hija azzjoni ta' għamla petitorja u tista' titressaq biss minn min hu sid tal-post, kontra min qiegħed jivvanta xi dritt ta' servitù u dan billi l-azzjoni petitorja tirrigwarda jeddijiet reali. Fl-azzjoni negatorja, il-piż tal-prova tal-eżistenza ta' servitù fuq il-fond tal-atturi taqa' fuq il-parti konvenuta. Kulma għandhom jipprovaw l-atturi f'kawża bħal din, huwa li huma tassew sidien tal-post li fuqu qiegħed jiġi pretiż is-servitù, filwaqt li l-konvenuti jridu juru li tassew teżisti s-servitù minnhom vantata.

22. Illi ma hemm ebda dubju li l-atturi ressqu prova kif imiss tat-titolu tagħhom fuq l-art li huma qed jippretendu li hija ħielsa mis-servitù ta' teħid t'ilma. Effettivament it-titolu tal-kontendenti kollha għandu provenjenza komuni, u ċjoè l-kuntratt ta' diviżjoni tat-23 ta' Novembru 1993. Huwa wkoll paċifiku fid-dritt li l-azzjoni negatorja tmiss lill-użwarju jew l-użufruttwarju tal-art daqs kemm tmiss lis-sid, u dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 348 tal-Kodiċi Ċivili (ara ***Carmel D'Amato et vs. Baldacchino Holdings Limited***, Appell Superjuri, 26/5/2021). Għalhekk huwa assodat anki l-interess ġuridiku tal-atturi Peter Paul Borg u Grace Borg fil-prosegwiment tal-kawża odjerna.

23. Magħmula din il-prova, imiss allura lill-konvenuti li juru li tassew għandhom il-jedd li jużaw minn ħwejjeġ ħaddieħor.

24. Illi skont l-artikolu 401 tal-Kodiċi Ċivili, s-servitujiet jistgħu isibu n-nisel tagħhom mil-liġi, inkella mill-fatt tal-bniedem. Sabiex jinħolqu mill-fatt tal-bniedem, il-liġi tagħmel distinzjoni skont in-natura tas-servitù. Fil-fatt l-artikolu 457 jipprovdi dan li ġej:

---

[25] ***Rosario Schembri et vs. Joseph Demanuele***, Prim'Awla, 27/5/2004.
[26] ***Paul Agius et vs. Michael Scicluna***, Appell Superjuri, 30/10/2001.

> 457. Is-servitujiet kontinwi u li jidhru jitnisslu –
> (a) bis-saħħa ta' titolu;
> (b) bil-preskrizzjoni, jekk il-fond li fuqu jiġu eżerċitati jista' jinkiseb bil-preskrizzjoni;
> (ċ) bid-destinazzjoni tas-sid ta' żewġ fondi.

25. Min-naħa l-oħra, l-artikolu 469 jgħid:

> 469. (1) Is-servitujiet kontinwi li ma jkunux jidhru, u s-servitujiet mhux kontinwi, ikunu jew ma jkunux jidhru, jistgħu biss jiġu stabbiliti b'saħħa ta' titolu; huma ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' sid ta' żewġ fondi.
> (2) B'danakollu, is-servitù ta' mogħdija għall-użu ta' fond tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk dan il-fond ma jkollux ħruġ iehor fuq it-triq pubblika; u kull servitù oħra li, fil-11 ta' Frar, 1870, kienet ġa miksuba taħt liġijiet ta' qabel, ma tistax tiġi attakkata.

26. Illi għalhekk in-natura tas-servitù, u ċjoè jekk hijiex kontinwa u apparenti jew mod'ieħor, hija ta' mportanza fundamentali sabiex jiġi determinat kif servitù tista' tinkiseb. Riferenza hawnhekk għandha ssir lill-artikolu 455 tal-Kodiċi Ċivili, li testwalment jaqra hekk:

> 455. (1) Is-servitujiet huma kontinwi jew mhux kontinwi, li jidhru jew li ma jidhrux.
> (2) Is-servitujiet kontinwi huma dawk li l-eżerċizzju tagħhom huwa jew jista' jkun kontinwu mingħajr ma jkun meħtieġ fil-waqt il-fatt tal-bniedem: hekk huma l-akwedott, l-istilliċidju, il-jedd ta' prospett, u oħrajn ta' din ix-xorta.
> (3) Is-servitujiet mhux kontinwi huma dawk li għall-eżerċizzju tagħhom hu meħtieġ fil-waqt il-fatt tal-bniedem: hekk huma s-servitujiet ta' mogħdija, ta' mili ta' ilma, u ohrajn bħalhom.
> (4) Is-servitujiet li jidhru huma dawk li l-eżistenza tagħhom tidher minn sinjali li jidhru, bħal bieb, tieqa, jew akwedott artifiċjali.
> (5) Is-servitujiet li ma jidhrux huma dawk li m'għandhomx sinjali li jidhru ta' l-eżistenza tagħhom, bħal ma hija l-projbizzjoni li wieħed jibni fuq ċerta art jew li ma jibnix aktar minn ċertu għoli.

27. Illi din id-dispożizzjoni hija konformi mal-pożizzjoni addottata mid-Dritt Ċivili taljan, kif ikkummentat minn diversi awturi. ***Pacifici Mazzoni***[27] jispjega l-element ta' kontinwità kif ġej:

> Continue sono le servitu' pel cui esercizio non è necessario il fatto dell'uomo; discontinue invece sono le servitù che richiedono un fatto attuale del uomo per essere esercitate. Ravvicinando queste due definizioni, chiaro apparisce come la loro differenza specifica non consista nella continuita' o discontinuita' del diritto di esercizio; tanto che, ove io non potessi condurre l'acqua che un'ora sola del giorno, la servitu' di acquedotto dovesse dirsi discontinua, e al contrario, se potessi passare tutti i momenti, la servitù di passaggio dovessi ritenersi continua. Essa è desunta invece dalla natura dell'esercizio della servitù. Quando questa sia tale che possa aver luogo senza il fatto dell'uomo, la servitù è continua. Al contrario è discontinua, ove non possa esercitarsi senza il fatto dell'uomo. E bene a ragione: l'esercizio della servitù che consiste in un fatto attuale dell'uomo è necessariamente discontinuo per natura suo: tal fatto è essenzialmente transitorio, sebbene possa incessantemente ripetersi: il passare del proprietario del fondo dominante attraverso il fondo servente, l'attingere che egli fa dell'acqua nella fonte o nel pozzo altrui per diritto di servitù, il condurre le proprie bestie a dissetarsi nell'acqua servente o a sfamarsi nel pascolo pur servente, ed altri simili atti, sono tutti fatti transitorii, interrotti, discontinui; e' impossibile che siano continui ... Il fatto dell'uomo deve essere attuale; e per fatto attuale s'intende un atto perseverante e sempre rinnovato: ossia un fatto, che esso stesso costituisca l'esercizio della servitù

28. Illi s-servitù ta' mili ta' ilma hija waħda li tinneċessita l-fatt tal-bniedem biex isseħħ, u għalhekk hija diskontinwa (ara ***Joseph Zammit et vs. Carmelo Psaila et***, Prim'Awla, 1/10/2001). Għax hija servitù diskontinwa, mela allura din ma tistax tinkiseb jekk mhux b'titolu, kif jgħid l-artikolu 469(1) tal-Kodiċi Ċivili. Titolu jfisser att pubbliku. Issa d-diversi appezzamenti li jappartjenu lill-kontendenti fil-kawża inqasmu bil-kuntratt ta' diviżjoni tat-23 ta' Novembru 1993, li però fih ma ġiet kostitwita ebda servitù, u għalhekk ma jirriżulta minn imkien li l-konvenuti għandhom servitù maħluqa b'titolu sabiex jieħdu l-ilma mill-fond tal-atturi.

[27] Il Codice Civile Italiano Commentato, Vol.III, §11.

29. Illi l-konvenuti dan jafuh, u proprju għalhekk isostnu li d-dritt tagħhom sabiex jieħdu l-ilma mill-proprjetà tal-atturi hija l-effett ta' ftehim li huma għamlu mal-attur Peter Paul Borg meta dan kien sid l-art li fuqha tinsab l-ispiera mertu tal-kawża. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jelaboraw dwar l-effetti ta' dan il-ftehim li huma jsostnu li, skont il-ġurisprudenza, jikkostitwixxi "servitù personali". Din il-qorti sejra teżamina l-ġurisprudenza ċitata mill-konvenuti, kif ukoll ġurisprudenza oħra nota lilha dwar din il-materja.

30. Illi d-distinzjoni ewlenija bejn is-servitujiet predjali u dawk hekk imsejħa personali (li huma drittijiet naxxenti minn obbligazzjoni u mhux veri servitujiet) ġiet sewwa mfissra fid-deċiżjoni ***Salvatore Catania vs. Onorevole Giuseppe Huber nomine*** (Prim'Awla, 10/12/1924)[28] kif ġej: «*…è personale la servitù quando è stabilita a vantaggio di una persona. Invece quando, come nella specie, la servitù ... è stabilita a vantaggio di un fondo, essa si rivela di natura prediale*». Distinzjoni li ġiet dejjem imtennija fil-ġurisprudenza (ara wkoll, per eżempju, ***Giuseppe Galea vs. Luigi Galea***, Appell Superjuri, 29/11/1948)[29], u hija radikata anki fid-dottrina legali[30] u fil-ġurisprudenza estera[31].

31. Illi għall-kompletezza tal-espożizzjoni tal-materja, jingħad li l-kunċett ta' "servitù personali", ossia obbligazzjonijiet, rigward l-użu ta' fondi mhux ristrett fil-ġurisprudenza għall-kuntest ta' fondi rurali, imma ġie wkoll applikat f'kuntesti urbani (ara, per eżempju, ***Anthony Darmanin vs. Spiridione Zammit et***, Appell Superjuri, 20/4/1995)[32].

---

[28] Kollezz. Vol.XXV.ii.629. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-15 t'Ottubru 1926.
[29] Kollezz. Vol.XXXIII.i.361.
[30] ***Ricci***, Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.II, §275): «*Se taluno, per non far concorrenza ad un opificio esercitato nel fondo altrui, si obblighi a non costruirne uno simile nel fondo proprio, si sarà con ciò costituita una servitù prediale? No, perchè l'onere non è imposto, nella specie, a beneficio di un altro fondo, bensi a vantaggio del proprietario dell'opificio già esistente...*».
[31] «*Requisito essenziale del diritto di servitù è l'imposizione di un peso su un fondo (servente) per l'utilità, ovvero per la maggiore comodità o amenità di un altro (dominante) in una relazione di asservimento del primo al secondo che si configura come una qualitas fundi, mentre si versa nell'ipotesi dell'obbligo personale quando il diritto attribuito sia stato previsto per un vantaggio della persona o delle persone indicate nel relativo atto costitutivo senza alcuna funzione di utilità fondiaria*" (Qorti ta' Kassazzjoni Taljana, Sez. II, 29/8/1998, n.8611).
[32] Kollezz. Vol.LXXIX.ii.422.

32. Fid-deċiżjoni ***Filippo Balzan et vs. Paolo Caruana*** (Appell Superjuri, 19/5/1961)[33], ġie rilevat li: «*Sfortunatament, fis-sistema leġislattiv malti, minbarra xi dispożizzjonijiet ġenerali fil-Kodiċi Ċivili, ma kien hemm qatt il-kompilazzjoni ta' normi appożiti biex jirregolaw kwistjonijiet dwar l-użu u r-ripartizzjoni tal-ilma, għad li dan hu, kif sejjaħlu l-Imħallef toriniż Carlo Dionisotti, "elemento principalissimo della fecondità dei terreni"*». Oltre din l-osservazzjoni dwar l-assenza ta' dispożizzjonijiet tal-liġi appożiti, il-konsiderazzjonijiet l-oħrajn żvolti f'din id-deċiżjoni m'humiex rilevanti għall-każ tagħna, billi l-mertu kien jirrigwarda talbiet għall-mutazzjoni ta' ftehim simili li però l-eżistenza tiegħu ma kinitx kontestata, tant li kienet tinsab kanonizzata b'sentenza preċedenti li ngħatat abbażi ta' ftehim milħuq bejn il-kollitigandi.

33. Fid-deċiżjoni ***Charles Fenech et vs. Joseph Borg et*** (Prim'Awla, 12/4/2012), il-qorti affermat il-possibilità ġuridika li jkun hemm ftehim bejn gabillotti dwar l-użu tar-raba' li jagħti jeddijiet personali lil dawk il-gabillotti fil-konfront ta' xulxin. F'din id-deċiżjoni, saret riferenza għal deċiżjoni oħra fl-ismijiet ***Vittorio Fenech vs. Giovanni Buttigieg et*** (Appell Superjuri, 30/11/1956)[34]. F'din id-deċiżjoni appena ċitata, li kienet limitata għall-eċċezzjoni ta' leġittimazzjoni attiva minħabba li l-attur kien detentur tar-raba' u mhux pussessur, intqal: «*... il-ġurisprudenza lokali, antika u reċenti, irrikonoxxiet li meta, kif ta' spiss isir fil-kampanja bejn gabillotti, ikun hemm bejniethom "modus operandi" dwar xi "servizz" konness mal-agrikoltura, dan is-servizz ma hux servitù predjali, b'mod li jkun hemm dritt reali fuq il-fond, imma hu sempliċi "diritto di obbligazione", ossia, kif ukoll jissejjaħ, "servitù personali". Il-kwalità ta' sempliċi detentur hija suffiċjenti għal-leġittimazzjoni attiva u passiva ta' azzjoni dwar dan is-servizz bejn għelieqi; għaliex il-proprjetarju bl-ebda mod ma hu preġudikat b'dan il-"modus operandi"; għaliex fil-konfront tiegħu ma hemm ħlief att ta' tolleranza, avvolja bejn il-gabillotti stess hemm dritt ta' obligazzjoni*». Tal-istess fehma, partikolarment fir-rigward tal-effett li dan il-*modus operandi* jkollu fir-rigward tas-sid, hija d-deċiżjoni ***Capitano Roberto Mizzi, R.M.A., nomine vs. Francesco Sant*** (Appell Superjuri, 14/2/1921)[35].

---

[33] Kollezz. Vol.XLV.i.186.
[34] Kollezz. Vol.XL.i.358.
[35] Kollezz. Vol.XXIV.i.658.

34. Illi l-kwistjoni ġiet ikkunsidrata b'mod differenti fid-deċiżjoni ***Paolo Vella et vs. Giovanna Borg et*** (Appell Superjuri, 9/2/1962)[36]. Din id-deċiżjoni hija ċitata b'enfażi fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti, però din il-qorti tirrileva li l-partijiet ċitati huma kaptati mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza, li kif soltu jsir hija riprodotta f'dik tat-tieni istanza. Il-Qorti tal-Appell, għalkemm ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel istanza, iddipartiet mir-raġunijiet imsemmija mill-qorti tal-ewwel istanza, billi qieset li l-ftehim li kien sar bejn il-possessuri tal-għelieqi (li kien sar permezz ta' skrittura privata) kien jikkostitwixxi assoċjazzjoni ċivili li kellha bħala l-oġġett tagħha l-użu tal-ispiera in kwistjoni. F'dak il-każ, il-Qorti tal-Appell kienet mgħejjuna mill-fatt li l-ftehim bejn il-kontendenti kien bil-kitba u għalhekk setgħet tapprezza aħjar l-import tiegħu. L-istess jingħad għad-deċiżjoni mogħtija fil-kawża ***John Aquilina et vs. Charles Gauci et*** (Prim'Awla, 28/1/2004). Fil-każ li għandha din il-qorti quddiemha, l-eżistenza tal-ftehim hija kontestata.

35. Fid-deċiżjoni ***Antonio Bartolo vs. Pawlu Vella*** (Appell Superjuri, 10/10/1958)[37] ġie ritenut:

> Issa, hu risaput universalment u komunement f'dawn il-Gżejjer li, anki fil-każ ta' raba' bi qbiela, soltu jsir bejn id-diversi gabillotti ta' appezzamenti diversi ftehim li jirregola s-servizz ta' dan ir-raba' għal dak li jeħtieġ; per eżempju, mogħdijiet bir-riġel, bil-karru jew bil-bhima, anki biex jiġi talvolta faċilitat l-iskariku tal-letame, jew faċilitata l-karikazzjoni tal-prodott, l-allokazzjoni tal-ilma mis-sienja komuni, il-mod kif dan għandu jiġi kondott jew devjat għall-okkorrenza, u servizzi simili. Aktar ma jkun estiż ir-raba' mqabbel lil diversi gabillotti, sija jekk ikun tal-Gvern, jew tal-Mensa (ossija tal-Isqof jew tal-Knisja, kif jingħad), jew, kif ukoll jingħad "tas-Sinjur", aktar ikunu komplikati dawn is-serviġi regolati b'dan il-ftehim, speċjalment f'dawk li kienu jissejħu territorji tal-fewdi, jew primoġenituri. U kien ikun gwaj kbir kieku l-Qrati kellhom jiddiskonoxxu dan il-ftehim sempliċiment għax il-gabillotti li jagħmluh m'humiex is-sidien tar-raba', bla ma tiġi provduta teorija legali li tissanzjonah u tipproteġieh. Kien għalhekk li l-Qrati tagħna minn żmien irrikonoxxew il-legalità ta' ftehim simili

[36] Kollezz. Vol.XLVI.i.56.
[37] Kollezz. Vol.XLII.i.471.

36. Illi skont l-istess ġurisprudenza, ftehim bħal dan meta jsir bejn il-gabillotti kerrejja tar-raba' mhux meħtieġ li jkun bil-miktub, għaliex ftehim bħal dak ikun sempliċiment attinenti għar-regolamentazzjoni tad-drittijiet lokatizji, li huma personali u mhux reali min-natura tagħhom (ara ***Angelo Galea vs. Carmelo Galea***, Appell Superjuri, 12/12/1952)[38].

37. Illi esposti għalhekk l-aktar deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kunċett invokat mill-konvenuti, din il-qorti għalhekk jidhrilha li tista' tirriassumi l-prinċipji saljenti kif ġej. Il-ġurisprudenza għarfet il-possibilità, li kienet kontemplata anki fid-dritt Ruman u ma ġietx eskluża mal-proċess ta' kodifikazzjoni kontinentali, li fl-assenza ta' servitù predjali, jsir ftehim li jagħti dritt lil persuna (u mhux lill-fond) li jagħmel xi użu minn ħwejjeġ ħaddieħor. Għalkemm solitament il-fattispeċi l-aktar komuni fejn isiru ftehim ta' din ix-xorta jinvolvu kerrejja ta' appezzamenti diversi ta' raba', mhux eskluż li ftehim bħal dak isir ukoll bejn is-sidien. Fejn ftehim bħal dak isir mill-kerrejja, dan ikun dejjem bla ħsara għad-drittijiet tas-sid, u f'kull każ ma tkunx meħtieġa l-forma solenni tant li ftehim bħal dak jista' jsir anki bil-fomm.

38. Illi sabiex persuna tkun tista' tvanta din is-servitù personali, trid turi li kien jeżisti ftehim, u ċjoè konvenzjoni kif inhi mifhuma fil-liġi ċivili tagħna. Sabiex tali konvenzjoni tkun teżisti, irid ikun hemm il-konkors ta' numru ta' elementi, u ċjoè partikolarment li żewġ persuni jew iżjed bil-kapaċità li jikkuntrattaw jipprestaw il-kunsens tagħhom għall-ħolqien ta' obbligazzjoni li jkollha oġġett determinat jew determinabbli, għal *causa* li tkun magħrufa, jekk mhux espressa. Naturalment l-oneru tal-eżistenza ta' ftehim bħal dak huwa fuq il-konvenuti, billi *reo in excipiendo fit actor*.

39. Illi l-qorti però tikkonkludi li l-konvenuti ma ressqux prova adekwata ta' dan il-ftehim allegat minnhom.

40. Huwa minnu li mill-provi rriżulta li, sa mill-kuntratt ta' diviżjoni 'l quddiem, il-kondividendi kollha, kompriżi l-konvenuti jew l-awturi tagħhom fit-titolu, għamlu użu mill-ispiera in kwistjoni, u li dan sar bil-barka tal-attur Peter Paul Borg. Però l-provi

[38] Kollezz. Vol.XXXVI.i.289.

ma jurux li dak l-użu sar bis-saħħa ta' obbligazzjoni enforzabbli, imma pjuttost bis-saħħa tat-tolleranza u bi pjaċir tal-istess Peter Paul Borg.

41. Illi jinsab mgħallem li «*Per giudicare adunque, se l'atto che un terzo esercita sul fondo altrui si comprenda, oppur no, tra quelli di semplice tolleranza, conviene aver riguardo all'animo di colui che li esercita e ha quello del proprietario del fondo su cui si esercitano. Imperocchè, se da parte del primo vi sia la pretesa d'esercitare un diritto e, da parte del secondo, si verifichi un abbandono dei propri diritti, l'atto non ha più i caratteri di quelli che la legge qualifica di semplice tolleranza...*»[39]. Hekk ukoll, ġie ritenut li l-atti ta' mera tolleranza huma «*…quelli che un buon vicino tollera, benchè rechino una certa turbativa alla proprietà, perchè questa turbativa non gli sembra abbastanza grave per costituire una usurpazione propriamente detta che meriti di essere respinta, come se il mio vicino passa sulla mia proprietà o viene a prendere l'acqua alla mia fontana o raccoglie dei funghi nel mio bosco. Si tratta di atti che possono procurare un certo vantaggio a quegli che li compie, senza cagionare un danno apprezzabile a colui che li subisce: questi sarebbe scortese, se vi si opponesse*»[40]. Tifsira aktar moderna, iżda konformi, hija li «*L'atto di tolleranza implica un elemento di transitorietà, di saltuarietà, e di precaria concessione ognora revocabile, non abilitante, come tale, il beneficiario a chiedere l'interdetto possessorio*»[41]. Utili wkoll dan l-insenjament tal-kittieb ***Francesco Galgano***[42]:

> Tolleranza non è però sinonimo di liberalità: è tolleranza, agli effetti dell'art.1144[43], anche l'atteggiamento di chi, suo malgrado, subisce l'aggressiva intrusione altrui. Neppure può dirsi essenziale la temporaneità del godimento: il concetto di tolleranza è compatibile anche con uso destinato a protrarsi senza limiti di tempo; essenziale è però:
>
> a) che l'uso comporti un godimento di modesta portata, che incide debolmente sul diritto del tollerante: perciò il disporre del telecomando per accedere al fondo altrui oppure la costruzione e il godimento di opere stabili eccede il concetto di tolleranza;

[39] ***Ricci***, Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.V, §59.
[40] ***Baudry Lacantinerie***, Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.XXVIII, §282.
[41] ***Novissimo Digesto Italiano***, voce "Tolleranza (Atti di)", §3.
[42] Trattato di Diritto Civile, Vol.I, pġa.462-463.
[43] Din hija d-disposizzjoni fil-Kodiċi Civili taljan attwali li tikkorrispondi mal-artikolu 526 tal-Kodiċi Ċivili tagħna.

> b) che si tratti di godimento precario, destinato a cessare per effetto della *prohibitio* del tollerante.

42. Illi l-ġurisprudenza tagħna wkoll qieset sewwa t-tifsira ta' atti ta' mera tolleranza. Fil-kawża ***Mario Cuschieri et vs. Angelo Cilia*** (Appell Inferjuri, 12/1/2005) ġie ribadit li «*Kif jinsab awtorevolment deċiż "it-tolleranza ma tattribwixxi ebda dritt lill-parti waħda; u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill-parti l-oħra ... u min igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt, għaliex in-natura tagħha ma taqbelx mar-rabta legali li tnissel magħha n-neċessita` ta' l-adempiment" (Kollez. Vol. XXXIV P I p 92)*»[44]. Hekk ukoll, fid-deċiżjoni ***Luigi Ellul et vs. Roger Casha*** (Appell Superjuri, 13/3/1950)[45], ġiet ravviżata t-tolleranza billi kienet nieqsa mill-fattispeċi tal-każ xi forma ta' obbligazzjonijiet bejn il-partijiet.

43. Din il-qorti qed tasal għal din il-konklużjoni għaliex il-premessa ewlenija tal-pożizzjoni tal-konvenuti, u ċjoè li l-ftehim obbligatorju nvokat minnhom ġie fis-seħħ mal-kuntratt ta' diviżjoni, hija premessa inverosimili u ma tistax tingħata kredibilità. Li kien minnu li sar dan il-ftehim fiż-żmien imsemmi mill-konvenuti, dak il-ftehim kien jiġi nkorporat fil-kuntratt ta' diviżjoni nnifsu, u mhux jitħalla barra. Il-fatt li tħalla barra huwa indikattiv, fil-fehma ta' din il-qorti, li kull arranġament li sar bejn il-kondividendi dwar l-ispiera in kwistjoni kien nieqes minn dak il-karattru obbligatorju li l-liġi u l-ġurisprudenza jeżiġu għall-ħolqien ta' xi servitù personali bħal dik invokata mill-konvenuti. Isegwi għalhekk li la dak l-arranġament ma kellux natura obbligatorja, għandu aktar minn arranġament ta' tolleranza, kif sostnut mill-attur Peter Paul Borg. Kif ingħad fid-deċiżjoni ***Rosa armla minn Spampinato Tabone noe vs. Joseph Falzon*** (Appell Superjuri, 11/12/1964)[46]: «*Issa, hu veru li ma hemm l-ebda motiv fil-liġi l-għaliex għandha tiġi eskluża "a priori" it-testimonjanza ta' persuna waħda u hu veru ukoll li l-liberu apprezzament tad-deposizzjonijiet tax-xhieda hu mħolli lill-arbitriju prudenti tal-ġudikant li ma għandu jsegwi ebda kriterju ieħor ħlief dak tal-konvinzjoni intima tiegħu, iġifieri taċ-ċertezza morali; però ir-raġuni naturali trid illi meta ma jkunx hemm ħlief it-testimonjanza ta' persuna waħda l-ġudikant għandu jipproċedi bi prudenza kbira fl-apprezzament tagħha u jipponderaha sewwa billi jivvaluta ċ-ċirkostanzi kollha proprji biex jikkorraboraw jew jaffievolixxu l-motivi tal-kredibilità*

---

[44] Konformement, ara ***Mario Caruana vs. Benedict Spiteri et*** (Appell Inferjuri, 24/3/2004).
[45] Kollezz. Vol.XXXIV.i.92.
[46] Kollezz. Vol.XLVIII.i.671.

*tagħha*». Fil-każ odjern, m'hemmx ix-xiehda ta' persuna waħda, imma ta' żewġ persuni, u ċjoè tal-konvenuti Emanuela Schembri u Saviour Borg. Ix-xiehda tal-konvenuti l-oħra ma tassistix fl-istruzzjoni tal-kwistjoni ċentrali, u ċjoè jekk sarx ftehim obbligatorju jew le, billi huma ċertament ma kienux parti għalih. Issa anki jekk dawn iż-żewġ konvenuti, u ċjoè Schembri u Borg, ma ġewx kontro-eżaminati, ix-xiehda tagħhom dwar il-ħolqien tal-ftehim in kwistjoni hija skarna. Ma tawx dettalji, bħal per eżempju jekk il-ftehim intlaħaqx f'okkażjoni waħda jew kienx hemm diversi diskussjonijiet. Jew kif tqassmu l-ġranet u kienx hemm diskussjonijiet jew nuqqas ta' qbil fil-formulazzjoni tal-ftehim. Fuq kollox, qatt ma spjegaw għaliex l-istess ftehim ma ġiex inkorporat fil-kuntratt ta' diviżjoni.

44. Illi fil-fehma tal-qorti, ir-raġuni l-aktar loġika għaliex dak li ftehim ma kienx inkluż fil-kuntratt ta' diviżjoni hu li jew ma kien jeżisti ebda ftehim, inkella l-ftehim in kwistjoni tant kien jiddependi mill-bona grazzja tal-attur Peter Paul Borg, li ma ġiex inkluż fil-kuntratt għaliex altrimenti jieħu karattru obbligatorju li qatt ma ried jiġi attribwit lilu mill-kondividendi.

45. Illi l-konvenuti, sabiex jippruvaw isaħħu t-teżi tagħhom li kien jeżisti rapport obbligatorju dwar l-użu tal-ispiera, jagħmlu riferenza għar-reġistrazzjoni tagħha mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u jsostnu li din ir-reġistrazzjoni saret "in vista ta' dan il-ftehim". Wieħed jifhem, mix-xiehda tal-konvenuti Emanuela Schembri u Saviour Borg, li hekk kif intlaħaq dan il-ftehim, il-partijiet marru dritt jirreġistraw l-interess tagħhom fl-ispiera. Però l-provi juru li din ir-reġistrazzjoni saret madwar erba' snin **wara** l-kuntratt tal-qasma, u għalhekk ma jidhirx li jista' serjament jiġi kkunsidrat li l-kawża prossima ta' din ir-reġistrazzjoni kien il-ftehim li l-konvenuti jgħidu li sar wara l-kuntratt tal-qasma.

46. Barra minn hekk, l-attur Peter Paul Borg jgħid li huwa ma kienx jaf b'din ir-reġistrazzjoni, anki jekk l-interess tiegħu huwa ndikat fuqha. U fil-fatt jgħid li m'hemmx il-kitba tiegħu fuq din l-applikazzjoni, u l-konvenuti ma talbux xi perizja kalligrafika sabiex juru li Borg kien iffirma l-formola relattiva. Issa skont l-artikolu 634(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> Il-persuna li kontra tagħha tinġieb karta li milli jidher tkun iffirmata minnha nfisha, hija obbligata li tiddikjara b'mod pożittiv jekk il-kitba jew il-firma hix tagħha jew le, u, fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, din il-kitba jew firma tkun magħduda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li hija l-kitba jew firma tagħha.

47. Fid-deċiżjoni ***Capt. Dowe Bell R.A. nomine vs. Hare nomine*** (Kummerċ, 6/5/1899)[47] intqal: «*Attesocchè l'attore non può trarre vantaggio dalla propria dichiarazione di non essere sue le firme apposte ai documenti impugnati per gettare sul convenuto l'onere di provarne l'autenticità. Vero è che l'articolo 644*[48] *del Codice di Procedure Civile dispone che ...; ed è anche vero che da siffatta disposizione si può dedurre che se la parte alla quale il documento viene opposto ne impugna l'autenticità, la prova incombe alla parte che produce il documento: ma l'articolo 644, come gli altri articoli del codice suddetto, che parlano del falso, regolano soltanto la procedura del falso incidente, del falso, cioè, che non forma lo oggetto principale del giudizio, ma cade su un mezzo di prova; mentre nella specie, come dianzi si è rilevato, l'oggetto principale del giudizio sono i documenti stessi*». Kuntrarjament, fil-każ odjern, id-dokument in kwistjoni u l-awtentiċità tiegħu ma jifformax l-oġġett tal-kawża, u għalhekk iċ-ċaħda tal-attur Peter Paul Borg hija suffiċjenti għal finijiet tal-artikolu 634(1), preċitat. Magħmula din iċ-ċaħda, l-oneru tal-prova tal-kontenut u tal-awtentiċità tal-firma kienet tmiss lil min ried juża dak id-dokument biex isostni l-pożizzjoni tiegħu, u ċjoè l-konvenuti. Oneru li però ma ġiex merfugħ kif imiss.

48. Illi konsiderazzjoni oħra magħmula minn din il-qorti biex waslet għall-konklużjoni tagħha li l-użu tal-ispiera mill-konvenuti kien qed isir bit-tolleranza u bi pjaċir tal-attur Peter Paul Borg, u mhux in forza ta' xi rapport obbligatorju, hija bażata fuq il-fatt li l-arranġament invokat mill-konvenuti kien wieħed kompletament unilaterali fil-benefiċċji tiegħu; fi kliem ieħor, l-arranġament dwar l-użu tal-ispiera kien jibbenefika lill-konvenuti, iżda ma kien iwassal għal ebda benefiċċju lill-atturi, li setgħu jużaw mill-ispiera kemm jixtiequ la darba kienet tagħhom għaliex sitwata fl-art assenjata lilhom skont il-kuntratt ta' diviżjoni. Il-fatt għalhekk li l-attur Peter Paul Borg ma kien qed jieħu xejn lura mill-arranġament in kwistjoni hija indikazzjoni oħra, fil-fehma tal-qorti,

---

[47] Kollezz. Vol.XVII.iii.25.
[48] Illum l-artikolu 634.

tal-fatt li dan l-arranġament kien il-prodott tal-*buona grazia* tiegħu, għaliex huwa biss minn ewl id-dinja li min jidħol fi ftehim obbligatorju, jieħu lura xi forma ta' korrispettiv jew kontro-prestazzjoni. Ċirkostanza li però f'dan il-każ la ġiet allegata u wisq anqas ippruvata. Isegwi għalhekk mill-konsiderazzjonijiet kollha fuq esposti li l-konvenuti naqsu milli juru li għandhom xi forma ta' jedd li jieħdu l-ilma mill-ispiera tal-atturi.

49. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

(ii) tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tal-atturi, kif dedotti fir-rikors ġuramentat tagħhom;

(iii) tilqa' t-tielet talba attriċi u tipprefiġġi t-terminu perentorju ta' xahrejn millum lill-konvenuti sabiex ineħħu kull apparat li għandhom mal-ispiera tal-atturi;

(iv) tilqa' r-raba' talba attriċi kif dedotta, u għall-iskop tagħha qiegħda minn issa tinnomina bħala perit tekniku lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Marie Louise Caruana Galea sabiex tissorvelja t-tneħħija mill-atturi tal-apparat tal-konvenuti kif ordnat a tenur tat-tielet talba tal-atturi;

(v) tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti, wara li tilqa' l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati;

(vi) tordna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur